**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 30.10.11: IL-WIEĦED U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.**
Illum jibda il-**Ħin tax-Xitwa.** Il-ħin tal-quddies se jibqa' kollu l-istess. Tinbidel biss il-quddiesa ta' fil-għaxija ta' nhar ta' xogħol li tibda tkun fis-6.00p.m.
**Fil-11.15a.m.** Se ssir laqgħa oħra ta' tħejjija għaż-żwieġ, għall-għarajjes. Din tkun fid-Dar Parrokkjali.

## CAR WASH

Illum iż-Żgħażagħ taċ-Ċentru qed jorganizzaw Car Wash fil-Pjazza tal-Knisja. Dan se jkun b'risq l-istess Ċentru taż-Żgħażagħ. Il-koperazzjoni tiegħek hija apprezzata. Ikun hemm ukoll bejħ tal-ħelu.
**IT-TNEJN, 31.10.11: RUŻARJU FIŻ-ŻONA**
**Fis-6.30p.m.** Se ssir r-reċita tar-Rużarju fiż-żona ta' Cocco Palmeri, ħdejn il-fontana.
**IT-TLIETA, 1.11.11: SOLENNITA' TAL-QADDISIN KOLLHA. JUM IL-QDUSIJA UNIVERSALI**
Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa u nitqarbnu.
Matul ix-xahar ta' Novembru f'nofs inhar ikun hemm kuljum il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.
**L-ERBGĦA, 2.11.11: L-GĦID TAL-IMWIET**
**TIFKIRA SOLENNI TAL-FIDILI MEJTIN KOLLHA.**
Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa b'sufraġju tal-mejtin qraba tagħna u anke tal-mejtin kollha. Illum ikun hawn diversi quddies ieħor barra mill-ħin tas-soltu.
**Fis-6.00p.m.** Fil-knisja jkun hemm Konċelebrazzjoni solenni b'suffraġju tal-mejtin kollha tal-parroċċa u jsir t-tberik tal-oqbra ta' ġol-knisja.

**IL-ĦAMIS,3.11.11:** L-EWWEL ĦAMIS TAX-XAHAR
**Fis-7.00a.m.** Ikun hawn il-konfessur għall-qrar
**Fis-6.00p.m.** Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-parroċċa biex ifakkru l-ordinazzjoni sacerdotali tagħhom.
**IL-ĠIMGĦA, 4.11.11: L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR**
Illum ikun hawn l-Aodrazzjoni mit-8.00 sa.-11.00a.m. u mit-3.00p.m. 'l quddiem.
**IL-ĦADD, 6.11.11: Fit-3.30p.m.** Jitlaq il-**PELLEGRINAĠĠ** għaċ-Ċimiterju.
**Fil-4.00p.m.** Quddiesa u tberik tal-oqbra.

## ĦIN ĠDID TAL-MUSEUM

Min-Nhar it-Tnejn il-Ħin ikun fil-5.00p.m. Year 4 sa Form 1
Fis-7.00p.m. Minn Form 2 'l fuq.

## KONFERENZA DWAR ID-DOWN SYNDROME

Nhar is-Sibt, 5 ta' Novembru fis-sala tal-Konferenzi fil-Ministeru għal Għawdex, Victoria.se ssir konferenza dwar il-persuni bid-Down Syndrome. Iktar informazzjoni ċempel fuq dawn in-numri: 21235158 jew 79521137 jew 99229418 .

## IKLA TA' SAN MARTIN FIS-SEMINARJU

Is-Sibt 12 ta' Novembru fis-7.00p.m. u l-Ħadd 20 ta' Novembru fis-6.30p.m. Biljetti mis-seminarju jew mill-Aħwa Ħbieb tas-Seminarju

## IL-LIBRERIJA PRECA

Se tagħmel Fiera tal-kotba u oġġetti reliġjużi fis-Seminarju mill-Ħadd 30 Novembru sal-Ħadd 6 ta' Diċembru.

## ĠBIR GĦALL-MISSJONI

Il-Ġbir li sar għall-missjoni fil-parroċċa kien hekk: mid-djar €2162 u minn ġol-knisja nġabru €480. Grazzi

**INDULĠENZI:** Min jinvista ċ-Ċimiterju mill-1 sat-8 ta' Novembru jista' jirbaħ l-Indulġenza Plenarja.